MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 53/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Camilleri talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta Awissu 2008 ghall-habta tad-9.00 a.m. gewwa l-ghassa ta' San Giljan:

1) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra P.S. 157 Brian Mifsud, P.C. 640 Raymond Vella, P.C. 1501 Darren Xeri u W.P.C. Christine Calleja, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2) ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ P.C. 640 Raymond Vella, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ P.S. 157 Brian Mifsud, P.C. 640 Raymond Vella, P.C. 1501 Darren Xerri u W.P.C. Christine Calleja, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl- esekuzzjoni ta’ dak is- servizz;

4) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` hgiega, liema hsara ma tiskorrix €23.29 ghad-dannu tal-Kummissarju tal- Pulizija u l-Gvern ta’ Malta;

5) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied;

6) ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor;

7) irrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Frar 2009 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 96, 221, 95, 325, 338(dd) u (ee), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Mario Camilleri hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba’ u s-seba’ imputazzjonijiet u kkundannatu terminu ta’

tliet (3) xhur prigunerija, izda ma sabitux hati ta' l-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u minnhom illiberatu;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Mario Camilleri pprezentat fis-26 ta' Frar, 2009, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li bejn it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet hemm l-assorbiment fattwali. Fit-tielet imputazzjoni jinghad li saret offiza fuq P.C. 640 Raymond Vella filwaqt li fit-tieni imputazzjoni jerga' jinghad li saret offiza ta' natura hafifa fuq l-istess P.C. 640 Raymond Vella. Fil-fatt dak li kien hemm kienet girfa li P.C. Vella jghid li saret mill-appellant b'cavetta. Kienet girfa verament superficjali. Dwar il-persuni l-ohra ma kien hemm l-ebda aggressjoni jew theddid; (2) li l-hsara ma kinitx volontarja ghax l-appellant kien imbuttat minn P.C. 640 Raymond Vella u peress illi l-post kien dejjaq inkisret hgiega ta' inkwadru; (3) li ma kienx hemm ingurja taht l-artikolu 95. L-appellant kien mar l-ghassa inkwetat hafna u wera d-dispjacir tieghu li harbtulu l-familja. L-appellant qal car u tond li ghandu kemm ghandu dnubiet u ghandu kemm ghandu recidiva, dik li hi rabta familjari ghandha importanza enormi. Martu wkoll xehdet li hassitha offiza bil-kliem li waslilha li kien gej minn membru tal-Korp tal-Pulizija. L-anqas is-Surgent ma qal illi l-appellant dahal b'aggressjoni u beda jiggieled, izda f'xi mument qal "kien hawn xi pufta" u din skattat ir-rabja ta' P.C. 640 li hareg ghalih; (4) li jekk il-Qorti kellha ssib htija, iz-zmien li ghamel arrestat fuq dan il-kaz huwa gustifikat.

Dwar l-ewwel aggravju l-appellant ghandu ragun jghid li hemm l-assorbiment fattwali bejn it-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni. Dan pero` hu limitat in kwantu l-offiza ta' natura hafifa li ssubixxa P.C. 640 Raymond Vella. Kwantu ghall-ingurja u theddid, minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi tirrizulta l-ingurja fil-mod kif l-appellant beda jirreferi ghall-Pulizija – naturalment la fl-ghassa kien hemm P.S. 157 Brian Mifsud, P.C. 640 Raymond Vella, P.C. 1501 Darren Xerri u W.P.C. 207 Christine Calleja, l-ingurja kienet diretta lejhom – u jirrizulta wkoll it-theddid meta qal li jghaddi minn fuqhom bil-karozza.

L-appellant fit-tielet aggravju jghid li ma kienx hemm ingurja taht l-artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero` l-appellant m'ghandux ragun peress illi fil-mument meta sehh l-incident in kwistjoni, il-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu d-doveri taghhom gewwa l-ghassa ta' San Giljan, u kienu qeghdin jippruvaw iwaqqfuh mid-diskors dispreggjattiv tieghu. Il-fatt li l-appellant kien irrabjat minhabba xi haga li setghet grat diversi granet qabel, ma jiggustifikax l-agir tieghu aggressiv gewwa l-ghassa. Ma jirrizultax li kien kalm meta dahal l-ghassa izda anke jekk stess kien kalm, zgur li ma baqax kalm wara li P.S. 157 Brian Mifsud qallu li kellu jaghmel rapport ufficjali u rrifjuta li jaghmel dan. Fil-fatt, u dan jirrizulta mix-xiehda li taw il-membri tal-korp tal-Pulizija li kienu prezenti, l-appellant sahansitra ta daqqa b'idu fuq inkwadru u kisser il-hgiega. Il-fatt li tkompliet tinkiser minhabba l-kollutazzjoni sussegwenti li kien hemm, ma jnaqqas xejn mill-volontarjeta` ta' l-ewwel daqqa.

Ghaldaqstant l-aggravji kollha ta' l-appellant qeghdin jigu michuda.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jghid li kien ghamel zmien arrestat fuq dan il-kaz, u dak iz-zmien kien oltre li kien gustifikat jekk il-Qorti kellha ssib htija. Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tara kemm dam arrestat l-appellant izda biex tara jekk il-piena nflitta mill-ewwel Qorti kinitx gustifikata.

L-artikolu 95(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: **"Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, jingurja, jew ihedded, jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghall-ingurja, ghat-theddid jew ghall-offiza, meta jsiru minghajr ic-cirkostanzi msemmijin f'dan l-artikolu, mizjuda bi grad."** Il-piena pero` ma tizdiedx meta hija dik stabbilita ghal kontravvenzjonijiet (95(2)) u lanqas meta l-piena hi dik ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur; f'dan il-kaz il-Qorti tista' zzid il-multa mal-piena ta' prigunerija (art. 95(3).

Il-piena ghal offiza ta' natura hafifa hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-multa (art. 221(1)). Jigifieri fil-kaz ta' l-offiza li garrab P.C. 640 Raymond Vella, l-oghla piena applikabbli hi dik ta' tliet xhur prigunerija flimkien ma' multa massima ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Kwantu mbaghad l-imputazzjoni ta' hsara volontarja, il-piena applikabbli hi ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet xhur jew il-piena tal-kontravvenzjonijiet, izda fil-kaz ta' hsara lill-proprjetà pubblika, il-piena tizdied bi grad jew tnejn, u l-hati ghandu jigi ikkundannat ihallas multa ekwivalenti ghall-hsara li tkun saret (art. 325(1)(d) u tielet proviso).

Issa, l-appellant gie kkundannat tliet xhur prigunerija. Ma giex ikkundannat multa skond l-artikolu 95(3) tal-Kap. 9 u lanqas ma gie kkundannat multa skond it-tielet proviso ta' l-artikolu 325(1). Imbaghad, meta jitqies illi ghar-raba' imputazzjoni l-appellant seta' gie kkundannat sa disa' xhur prigunerija (b'zieda ta' zewg gradi) u, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 17(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, massimu ta' xahar u nofs prigunerija ohra dwar it-tielet imputazzjoni, filwaqt illi b'zieda ta' grad minhabba r-recidiva l-piena

komplessiva setghet titla’ sahansitra sa tmintax-il xahar prigunerija, din il-Qorti tqis illi l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda minima. Il-fatt li t-tieni imputazzjoni qed tigi dikjarata assorbita fit-tielet imputazzjoni ma jikkostitwixxi l-ebda raguni sabiex tinbidel il-piena, u din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni ghax tahseb illi n-nuqqas ta’ l-ewwel Qorti li tiddikjara tali assorbiment seta’ b’xi mod influwenzaha fil-kalibrar tal-piena li, kif inghad, hi wahda minima. Ghalhekk m’hemm l-ebda lok li din il-Qorti tiddisturba l-piena nflitta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara t-tieni imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------